

# DAR BI STORJA

## Nru 26 Il-Pjazza

Alfred Vella

Il-Mellieħa hija Mellieħa għax niftakru kif kienet. Il-ġenerazzjoni l-ġdida ikollha ssir taf dik Il-Mellieħa billi tmur lura fis-snin u tisma` min jgħidilha x`kien hawn u x`kien jiġri. Inbidlet ħafna. Missieri u ommi li twieldu fl-ewwel għaxar snin tas-seklu l-ieħor, kellhom x`jgħiduli u kien interessanti mhux ħażin dak li kienu jgħidu. Kienet ħajja li kollox kien jiġbed fit-tul, kollox jiġġebbed, tant li ħafna minn dak li kienu jgħidu kont għadek tara sinjali tiegħu fi żmieni li s`issa għadni hawn biex ngħid l-istorja. Meta kienu jsemmu dar, kont għadek tista` taraha, veduta kont għadek tista` tgawdiha, xatt il-baħar kont għadek tarah u tgawdih bħal ma gawdewh huma fi tfulithom. Lokalità mogħtija isem, kont tibqa` tara għaliex kienet issemmiet hekk minħabba li l-Balluta, Il-Ġebliet, l-Iskoll, l-Ponta, kollha kemm huma kienu għadhom hemm.

Fil-preżent ma baqa' l-ebda garanzija li xi ħaġa sa tibqa` kif kienet. Iż-żmien għandu l-esiġenzi tiegħu. Dik it-triq tal-karettun trid tiġi triq għal karozza u hawn Malta ma tistax tirriserva arji fejn jitħalla kollox kif kien. Hawn fejn qegħda titħalla 'il-qalba tar-raħal` biex dik il-faċċata tad-djar tibqa` bla mittiefsa jew in-kella għalkemm isir tibdil, tibqa` dejjem dik l-atmosfera ta` dari b`dak il-ġebel Mellieħi, dak il-bieb arzella u xi niċċa b`qaddis iħares l-akkwata. Il-*Village Core* għallinqas ġie kkontemplat imma min jaf xi pressjoni kien hemm biex dejjem jiċkien minn min għandu nteress li jagħmel l-ikbar użu mill-qatgħa li xtara u jtella` xi gerrief is-sema. Is-sabiħ kulħadd iħobbu iżda a spejjeż ta``ħaddieħor. Lokalità issir belt u raħal bit-toroq u d-djar li jinbnew. Bihom tkun qegħda tingħad storja ta` poplu li għex hemm. Hekk meta timxi meta m`hemm ħadd, kull dar, kull kantuniera, kull bieb, kull tieqa għandha x`tgħidlek meta fit-triq kien hemm iktar tijatru b`nies iktar miftuħa għal barra, b`dak ix-xiri minn tal-ħwienet imxerrda mar-raħal, b`dak it-tmekkik għand tal-forn biex jixwu u jaħmu, b`dawk il-bejjiegħa bil-karettun bil-biċċiet, bil-borom u banjijiet, ħxejjex u frott, u b`tal-ħut b`dawk il-kannestri fuq rashom jgħajtu b`dak li kien ikollhom skond l-istaġun. Kollox iħallilek impressjoni li thennik ħafna jekk ikun hemm x`ifakkrek. Dik l-għatba, min jaf kemm stejjer fid-dawl kwiet tal-qamar. Dik it-tieqa dejjem bil-qronfol fil-ħoġor. Dik id-dar minn fejn kien joħroġ il-bagħal b`dak il-ġolġol. Dak il-ħajt fejn kienu jinġabru għall-kenn fix-xitwa. U dak l-għarix fejn lagħbu t-tombla, lagħbu t-tfal u s-suldati kienu jagħmluh kċina meta kellhom il-manuvri. L-emigranti Melleħin kienu għadhom isibu kif ħallew sal-ħamsinijiet u l-iktar sas-sittinijiet iżda wara bdew jaraw li kollox qiegħed jisparixxi. In-nar tal-ajru mar fuq in-naħa ta`Ġnien Ingraw u għosfru ukoll dawk id-djar li, min ħalla l-gżira, kienu jafu u trabbew fihom.

F`moħħi għandi dar fil-pjazza tal-Mellieħa, tmiss mal-Każin La Vittoria min-naħa tat-Tramuntana. Waħda mid-djar fuq il-parapett, tħares għal fuq l-pjazza tal-Mellieħa minn fejn tista` tara l-Ponta tal-Kunċizzjoni, fit-tarf tal-penisola tal-Aħrax. Din id-dar kienet ġejja minn beni ta`saċerdot, Carmelo dei Conti Manduca, li xtara żewġ siti ta` blat fil-wiċċ tal-kejl ta` siegħ u nofs viċin il-Knisja Parrokkjali fl-1869 fi Triq iċ-ċimiterju, imsejħa " Il-Moschia tal-Mellieħa". Dan is-saċerdot bena diversi beni fuq l-istess siti. Kien miet fl-1902. Għażel dan il-post biex ikun viċin tas-santwarju għax il-knisja kienet għadha ma nbnietx. Kien hemm il-bidu tagħha. Iżda din d-dar donnu kellha destin jiġri warajha biex ikollha storja marbuta mal-knisja tal-Mellieħa. Maż-żmien, xtraha kien is-sagristan, Carmelo Gauci li għamel ħajtu iservi fil-knisja bħala sagristan. Bidel il-post f`ħanut tat-te`. Il-knisja tagħna ma` tkompliet qatt u ma kienx hemm fejn wieħed joqgħod jistrieħ u jitrejjaq. Saċerdot, konferenzier, ma kellux fejn isib kikkra te wara priedka jew quddiesa, tisten-nieh. Dari kont trid żżomm spiritiera ta` bi tlieta b`kitla fuqha biex issib naqra kafè sħuna. U kont hemm mas-sagristan li kien imexxi l-istess ħanut, biex jieħu dak il-kafè bl-ilma żahar u forsi skond l-okkażjoni jieħu dak il-grokk vermut jew ġniebru li dejjem kien hemm min joffri. Hekk ukoll il-ħaddiema li jkunu jagħmlu xogħol fil-knisja kienu jinqdew minn hemm biex jieklu f`nofsinhar u biex iħallu l-imfietaħ tal-knisja. Niftakar it-tlett skulturi imorru jagħmlu l-ikla ta` nofsinhar fuq dawk l-imwejjed twal bil-bank mal-ħajt u l-banketti fuq in--naħa ta' barra. Iżda dan meta iben is-sagristan, Ġużep kien iżżewweġ lil Carmela u beda jmexxi l-ħanut.

Jissemma Ġużeppi Cali li ma ħassux fiha wisq biex jikkonċentra u kellu jmur sal-ħanut biex jieħu xi ħaġa, ipejjep sigarru. Wara li ħa dan il-brejk intefa' jippjana il-kwadru ta` San Pawl u minnu għamel kapolavur. Iżda mhux f`dan il-ħanut kien mar. Kien għadu ma nfetaħx. Kien mar f`ieħor qribu fuq il-parapett għax fil-pjazza dejjem kellek xi ħwienet.

Ġara li dan il-ħanut għadda f`idejn ingliż miżżewweġ maltija mill-Isla f`xi snin qabel l-aħħar gwerra tal-erbgħinijiet. Kien fin-Navy Ngliża u jekk kien jiġi baħri ngliż żgur li kien jasal s`għandu. Sar popolari ħafna dan il-ħanut. Kienu jafu jmexxu, jafu jmorru man-nies u għalkemm minn barra l-Mellieħa, saru biċċa waħda mal-Melleħin, jitkellmu bl-Ingliż daqs l-Ingliżi u bil-Malti iżda mhux bid-dijalett Mellieħi. Komplew kellhom waħda minn dawk l-hekk imsejħa lukandi li kien hemm fir-ramla tal-Armier u hekk dawk tal-Armier li kienu jipprovdu xi frott u ħxejjex matul is-sajf kienu klijenti ukoll meta jkunu l-Mellieħa. In-nies kienet tħobbhom. Iżda barra dan, din il-lukanda tal-Armier, Luna Park Bar kellha ssib ruħha f`ritratt li l-fotografu Ġermaniż Geo Fust ħa fit-tletinijiet. Hemm tlett ritratti fl-Armier fil-ktieb kollu ritratti - Nostalgies of Malta - miġbura minn Giovanni Bonello, pubblikazzjoni, Fondazzjoni Patrimonju Malti. Il-lukanda kienet popolari ħafna mal-Maltin li kienu jiġu f`dawk in-naħat. Barra minn dan kienu jiġu ħafna nies tas-servizzi ngliżi. Anke laneċ minn Sant Angelo kienu jiġu bil-familji Ngliżi biex iqattgħu ġranet sħaħ hemm. Il-Luna Park ta` Fred Stokes kienet imfittxa billi kienu jafu lis-sid, ingliż bħalhom, li kien sa jingħaqad jixrob magħhom żgur.

Il-Maltin kienu jħobbu ħafna l-Armier u għalkemm fil-bogħod kienu jaraw il-ġmiel tiegħu, naturali ħafna, bla minsus xejn. Qiegħ il-baħar kien jidher qisu tal-fidda, kont smajt wieħed minn barra jitkellem sa kemm wassalni bil-karozza. Wara l-festi, bħal S. Duminku, S. Ġorġ, S. Gaetano, in-nies kienet timla r-Ramla tal-Armier u tal-Lukandi ma kinux jistgħu ilaħħqu max-xorb u l-ikel li kien jiġi ordnat. Min jaf kemm inqatlu fniek. Stuffat u spagetti bl-istuffat kien l-ikel favorit. L-ingliżi patata u bajd moqlija u naturalment birra, dak iż-żmien Farsons jew Cisk u imbagħad ta Calder. Sadson kellu is-Cider. U Calleja tal-Mellieħa kellu il-Luminati. Il-Cola u l-Kinnie kien għad baqgħalhom biex jidħlu. F`dak il-beraħ tal-kampanja in-nies kien itiha li tiddeverti, tiżfen u tixxala. Hekk ukoll fil-Ħdud tas-Sajf, karozzi kbar miftuħa kienu jwasslu ħafna nies b`xi banda iddoqq biex jiżfnu f`dawk il-verandi li l-lukandi kellhom. F`dawk iljieli ta` qamar fis-sajf, l-Armier kien ikun sabiħ ħafna f`dak id-dawl ta` qamar meta ma kienx hawn dawl elettriku. Ma jibqax dak il-post waħxi meta kien hemm dik il-banda iddoqq u ż-żfin dejjem sejjer. Il-familja Stokes kienu magħrufa ħafna minħabba dan li semmejna u tistenna li tinbena klijentela sew meta jiftaħ l-Armier kemm ukoll meta jiftaħ fil-pjazza tal-Mellieħa. Fred Stokes, li kien juri li jkun hemm, fil-ġranet tal-lif tiegħu, kien dejjem il-protagonista. Kellu statura kbira, jilbes dik il-boiler suite biċ-ċingi u erħilu jwaħħal imsiemer kemm jiflaħ biex iżomm l-istruttura tal-injam indrizzata. Iżda malajr kien jingħaqad ma xi kollegi li kienu jiġu u jixorbu xarba birra.

Minħabba f`dan Fred Stokes, daħħal kemm il-baħri man-Navy Ingliża għax kien bniedem li jaqbeż ħafna għal dak li jkun, barra li kien stmat. "Għidilhom li bgħatek Fred Stokes, jekk iwaqqfuk tħabbel rasek xejn" qal lil wieħed li ried jingaġġa fin-navy. U hekk għamel Salvu Bartolo meta mar Sant Angelo u nqeda.

Fil-ħanut ġab radju, l-ewwel li kien hawn il-Mellieħa. Il-ħanut allura beda iktar jiġbed in-nies fejn tkun tista` tisma l-aħbarijiet bl-Ingliż. Qabel l-aħħar gwerra, in-nies riedet tisma` fuq Hitler u x`qed jagħmel Chamberlain. Riedet tisma` fuq Mussolini x`kien sa jagħmel. Ftit kienu jafu bl-Ingliż iżda min kien jifhem kien jgħid x`qiegħed jingħad. U l-aħbarijiet kienu jixterdu. Il-ħanut baqa' dejjem jiġbed in-nies bis-sagristan jiġi hemm jieħu n-nifs u jbill griżmejh b`qarmeċ jew pasti li kienu jkunu fil-vetrina tal-ħġieġ. Jgħinu kien hemm Marta, l-mara, Victor, it-tifel u żewġ xebbiet Lily u Mary. Għadhom ħajjin Victor u Lily, qegħdin l-Awstralja.

Ġara li fl-1940 kienet bdiet il-gwerra. Iz- ziju, Sam, ħu missieri, iżżewweġ lil din Lily fl-1942, fl-eqqel tal-gwerra. It-tieġ sar f`dan il-ħanut. Kien tieġ la ngliża mhux b`dak it-trattament ta` biskuttini, ħelu u ġellewż. Kien hawn l-iskarsizza. Allura kienet iktar ikla fuq imwejjed b`dawk ta` ġewwa biss. F`nofs it-tieġ is-sirena ħabbret li kienu ġejjin ajruplani tal-għadu, ħallejna kollox u nżilna fix-xelter li kien hemm taħt il-pjazza. Kien għal ħabta ta` nofsinhar. F`dan ix-xelter in-nies kienet torqod hemm u dan Fred kien jakkwista kemm il-branda għan-nies biex jorqdu fuqhom. Meta għadda kollox erġajna morna fejn konna ħallejna.

Il-ħanut baqa` jservi ta` residenza għall-familja Stokes u fil-festi speċjalment fil-Vitorja dan il-post kien isir interessanti ħafna billi kien viċin ħafna tal-Każin La Vittoria. Fost il-klijenti meta tkun riesqa l-festa sar ikun hemm dawk li jkunu jagħmlu d-dawl elettriku mal-knisja u fit-toroq. Kien għadu ma għandniex elettriku, allura ir-Royal Malta Engineers kien jipprovdu xi żewġ generators biex ikollna d-dawl biz-ziju responsabbli, li kien fis-servizz, responsabbli. Dawn is-suldati kienu jkunu f`dan il-ħanut jieħdu ħsieb u fl-istess ħin igawdu l-festa. Iż-żmien jgħaddi u dawn Stokes telqu mill-Mellieħa u marru San Pawlil-Baħar. Ħallew il-Lukanda li kellhom l-Armier f`idejn sidha u marru L-Awstralja fejn diġa kien hemm Lily, iz-zija, bil-familja tagħha. Il-ħanut ġie f`idejn iben is-sagristan, Ġużeppi, li iżżewweġ liz-zija Karm, oħt ommi. Ir-rabta mal-knisja reġgħet kibret billi Karmnu u Ġużeppi , it-tifel tiegħu, kienu sagristani u kull min ried xi ħaġa mill-knisja, mill-ħanut kien jinqeda. Tax-xema`, Bartoli iħalli x-xema hemm, jieħu dak it-te u jitkellem ma min isib. Min irid jinżel sal-Għar tal-Madonna imur il-ħanut u jinqeda. Fil-Fieri, is-sagristan jipprovdi l-luminati għal min kien jgħin, u tal-armar imorru jieħdu xi ħaġa min hemm biex wara jħallas il-kappillan. Minn hemm kienu jibdew il-lotteriji għal xi gidi jew ħaruf, għal xi tonnu jew nofs tużżana tumbrelli, għal xi statwa jew ġiżirana tad-deheb li jkunu rregalaw xi nies b`risq il-festa u l-knisja.

Fi żmien l-elezzjonijiet, il-kandidati kienu jidħlu hemm jindaħlu man-nies. Dejjem kienu aktarx min-naħa tal-Partit Nazzjonalista għax qisu kull partit ma kienx jittarraf iżjed mill-periferija tiegħu. Dr Enrico Mizzi darba rajtu ikellem il-folla minn quddiem il-ħanut, wara li kien iltaqa' man-nies fil-ħanut. Dr G. Borg Olivier kien iħobb jgħaddi s`hemm qabel ma kien jidħol sal-Każin La Vittoria. U Dr Ed Fenech Adami ukoll kien jidħol u sa għandu ritratti man-nies li kienu jkunu hemm. Il-politiku jibqa` jmur dment li jkun milqugħ. U hekk il-post ikollu x`jgħid ħafna storja. L-istorja tkompli imbagħad iktar tiżżejjen b`dawk in-nies li kienu jmorru għal dak it-te, għal dak it-terz inbid, għal dak il-flixkun birra u għal dak il-grokk. Min imur il-ħanut imur biex jiltaqa` man-nies u jgħid kelma. Dejjem kien hemm min jaf iġibha. Hemm smajt lil Ġużeppi jirrakonta kif tħabat ħafna ma mulett, wara Malta, BuNuħħala, għal ħin twil, bit-tifel tiegħu jgħid il-ġakolatorji biex iġibu l-art. Smajt ukoll lil Rikardu, bniedem li jħobb il-baħar, kif mar ma sieħbu Għawdex bil-qlugħ u meta ġew,biex jixtru iz-zalzett, ordnaw bil-pied flok bl-użin. Tal-laħam b`ħalqu miftuħ iktar fetħu. Rikardu: Hekk nixtruh in-naħa tagħna. Rikardu bil-Malti tkellem u tal-laħam ma kellux dubju li ma kienx minn Malta. Kull min kien hemm fil-ħanut ta` Karmni, tgħidx kemm dħakna dik il-lejla.

Tal-ħanut dejjem jista` jkompli u bi kliemu jagħti merħba lil min mar jinqeda minn hemm. Tkun deċiżjoni li l-ħanut jagħlaq. Min kien imdorri jidħol isir jaf li post mdorri fih kien sa jieqaf joffri s-servizz tiegħu. Iżda meta għalaq kienet tinħass bħal dieqa li ma min kien iħobb jitkellem mhux sa jsibu. Tibda tara li jibqa` min jippretendi li l-ħanut għadu iservi lin-nies u jiskanta li l-post ikun issa, daqshekk. Jekk is-sid jibqa` fir-residenza li parti minnha kienet il-ħanut, bħal dan il-każ, in-nies tibqa` trid tiltaqa` miegħu biex iżżomm dak il-kuntatt iktar u iktar jekk ikun żmien li wieħed joħroġ siġġu għall-arja fuq parapett. Il-bniedem fejn jidra jrid jibqa`. Ħanut b`dak il-bieb dejjem miftuħ joħloq ambjent li jwennes. Meta jingħalaq għal kollox, jiġi vojt. Bieb ta` residenza mhux bieb ta` ħanut, dejjem miftuħ, jidħol min irid u iktar ma jidħlu nies iktar aħjar. Issa il-bieb għall-familja, għal niesha.

Meta għalaq, donnu ngabar fih innifsu biex jikteb l-istorja tiegħu. Il-funzjoni tiegħu ntemmet. Jekk tkun għext iktar minnu allura titħassru magħluq, b`dawk in-nies u karattri, li tkun taf, kollha kemm huma jgħosfru qishom qatt ma kienu hawn. Iżda kieku veru hekk, lanqas kien ikun hawn min għamel l-istorja li qiegħed nirrakonta b`ċerta ħerqa.



www.lavittoriabandclub.org